MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tad-19 ta' April, 2004

Avviz Numru. 81/2004

**Anna Gafa' (I.D. 247154M)**

**vs**

**Raymond Caruana**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, seba' mija u erbgha u hamsin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm1,754.80) rapprezentanti arretrati ta' kera u kera gja' dovut mill-attur ghall-perijodu li spicca fil-31 ta' Dicembru, 2003, ta' sehem l-attrici mill-kirja tan-negozju kollu tal-minerali "*Winner*" kompriz fost affarijiet ohra l-fabbrika imsemmija *Mineral Soft Drinks,* 62, St. Monica Street, Zejtun, u l-makkinarju, attrezzi, permessi u *trucks* u dak kollu konness mall-manifattura tal-minerali u dana skond il-kuntratt datat 18 ta' Frar, 1979 fl-atti tan-Nutar Dottor Antonio Carbonaro.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra nterpellatorja datata 11 ta' Awissu, 2003, u ta' l-ittra ufficjali ta' l-1 ta' Ottubru, 2003, u bl-imghax legali mid-data ta' l-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut ma pprezentax l-eccezzjonijiet tieghu nonostante l-verbal tal-15 ta' Marzu, 2004.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Fil-kontumacja tal-konvenut u billi l-attrici ghandha ragun fit-talba taghha, tilqa' l-istess u tikkundanna lill-konvenut li jhallasha s-somma ta' elf, seba' mija u erbgha u hamsin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm1,754.80) rapprezentanti arretrati ta' kera u kera gja' dovut mill-attur ghall-perijodu li spicca fil-31 ta' Dicembru, 2003, ta' sehem l-attrici mill-kirja tan-negozju kollu tal-minerali "*Winner*" kompriz fost affarijiet ohra l-fabbrika imsemmija *Mineral Soft Drinks,* 62, St. Monica Street, Zejtun, u l-makkinarju, attrezzi, permessi u *trucks* u dak kollu konness mall-manifattura tal-minerali u dana skond il-kuntratt datat 18 ta' Frar, 1979 fl-atti tan-Nutar Dottor Antonio Carbonaro.

Bl-ispejjez u l-imghax legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra l- konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------